MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 150/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Gordon Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Mejju, 2004, ghall-habta tas-6.30 p.m. gewwa l-Msida :
a) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Ian Coleiro mis-Swieqi, f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Ian Coleiro jew gablu disordni f'mohhu, liema offiza hija gravi li kkagunat debbulizza fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem ta' Ian Coleiro jew gabet difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh jew gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' Ian Coleiro hekk kif iccertifikaw Dr. D. Debono M.D. u Dr. Puzio M.D. ta' l-Isptar San Luqa;

b) fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ian Coleiro mis-Swieqi hekk kif iccertifika Dr. D. Debono M.D. u Dr. Puzio M.D. ta' l-Isptar San Luqa;
c) fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra il-persuna ta' Ian Coleiro sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
tas-16 ta' Marzu, 2010, li biha, wara li rat l-Artikoli 216(1)(b), 216(1)(d), 28A u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni akkuza stante illi hija sussidjarja ghall-ewwel akkuza, hati tat-tielet akkuza li hija assorbita ghal fini ta' piena fl-ewwel akkuza w ikkundannatu ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin.
Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti spece tal-kaz u l-fedina penali ta' l-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 ta' Marzu, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tirrevokaha f'dik il-parti fejn gie dikjarat hati ta' l-offiza fit-termini ta' l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali minghajr attenwanti u fejn gie kkundannat ghall-sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u minflok tvarjaha kemm ghal dak li jikkoncerna s-sejbien ta' htija w/jew in kwantu jirrigwarda l-piena nflitta, tikkonfermaha fil-bqija, jew alternattivament, tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti fejn tikkoncerna l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravji tal-appellant li huma s-segwenti :-
Illi l-Ewwel Qorti kienet wisq pronta biex tiskarta dak kollu li qal l-appellant u biex taccetta dak kollu li xehed Coleiro.

Illi l-appellant jirrileva li ma huwiex qed jikkontesta n-natura ta' l-offizi sofferti minn Ian Coleiro. Pero' jistqarr li jinsab ftit perpless anke mill-lingwagg uzat mill-Ewwel Qorti dwar il-verzjoni minnu moghtija – "prattikament

redikola w patetika”. Effettivament hija l-versjoni ta’ Ian Coleiro li hija inverosimili fis-sens li difficilment jista’ jitwemmen li, minghajr provokazzjoni ta’ xejn, l-appellant qabad u tah daqqa ta’ ponn “out of the blue” f’post manifestament pubbliku bhalma huwa l-istage hdejn l-Universita’.

Illi Ian Coleiro ma jikkontestax li dak li gara kien kawza ta’ “project” fejn, skond hu, l-appellant ma tax kontribut bizzejjed biex jigi rikonoxxut bhala wiehed mill-awturi u li kien hu li ma halliehx jigi hekk rikonoxxut. Il-fatt li dan ix-xhud, anke jekk emnut, jinnega li kellu mus fuqu ma ghandux iwassal lill-Qorti temmen li l-aggressjoni ma kienitx wahda provokata mill-agir tieghu. Effettivament kemm ir-retroxxena inkontestata ta’ din l-incident kif ukoll dak li gara wara hu indikattiv tal-fatt li l-versjoni ta’ l-appellant hija iktar verosimili ta’ kif graw l-affarijiet u tal-fatt li l-agir tieghu sehh fil-waqt li kien taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-ghemil tieghu.

Illi wara dan l-incident l-appellant u Ian Coleiro marru d-dar flimkien fejn iz-zija ta’ l-appellant dewwiet lil Coleiro. Dan il-fatt gie konfermat miz-zija tieghu izda x-xiehda taghha gie skartata bhala wahda li ma tista’ tinghata ebda piz peress li hi [Mary Borg] “hija t-tip ta’ omm, illi kull haga li jaghmel binha huwa ben fatt u minflok ma tezigi dixxiplina tara kif taghmel biex tghatti eghmil binha b’kull mod li jkun”. Issa a parti li dan il-kumment huwa altament infondat peress li Mary Borg ma hijiex omm l-appellant, xorta wahda jibqa wiehed gratuwitu in kwantu dawn il-konsiderazzjonijiet ma jirrizultaw minn imkien u huma indikattivi tal-mod ftit oggettiv kif gew apprezzati l-provi f’dan il-kaz.

Illi, in konkluzjoni, l-appellant ma huwiex qed jikkontesta li kien hemm incident bejnu u bejn Coleiro. Pero’ l-versjoni tal-fatti kif mifhuma mill-Ewwel Qorti hija, ghar-ragunijiet premessi, inverosimili u jirrizulta li l-agir ta’ l-appellant sehh fil-waqt li kien taht l-influwenza immedjata ta’

passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-ghemil tieghu.

Illi t-tieni aggravju ta’ l-appellant jikkonsisti fil-fatt li, indipendentement minn dak li ntqal fl-ewwel aggravju, l-piena kienet wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi jirrizulta mill-fedina penali tieghu li l-appellant ma huwiex bniedem vjolenti u qatt ma kellu xi problemi mal-Pulizija.  Dan kien incident izolat li, ghalkemm certament mhux gustifikat, sehh wara provokazzjoni kontinwata ta’ Ian Coleiro f’materja tant importanti bhalma hi l-edukazzjoni fl-Universita’.  Jinghad bl-akbar rispett li essendo “first time offender” piena taht l-Att dwar il-Probation kienet tkun aktar idonea fic-cirkostanzi liema piena ma tkunx ta’ xkiel ghax-xoghol tieghu fil-kamp tal-professjoni li huwa studja ghaliha.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mil-provi illi f’Mejju ta’ l-2004, l-appellant u Ian Coleiro kienu studenti l-Universita’ ta’ Malta u kellhom dizgwid dwar progett li suppost li kellu jigi prezentat minn group illi kienu jaghmlu parti, kemm l-appellant kif ukoll Ian Coleiro.  Dan ta’ l-ahhar, kien qieghed jghid illi l-kontribut ta’ l-appellant f’dan il-progett kien tant minimu illi ma kienx jimmerita li jitnizzel ismu bhala wiehed mill-kontributuri.  L-appellant m’accettax din is-sitwazzjoni u ghad illi kellem lil Coleiro diversi drabi, ma nstabiex soluzzjoni u Coleiro baqa’ jinsisti illi l-appellant ma kellux inizzel ismu mal-progett.  Fil-11 ta’ Mejju ta’ l-2004, l-appellant iltaqa’ ma’ Coleiro fuq il-bus stop.  Bdew jargumentaw u l-appellant gie fl-idejn ma’ Coleiro li spicca bi griehi gravi u sfregju fuq wiccu.  L-ewwel Qorti wara li ghamlet analizi profond u dettaljat tal-provi li tressqu quddiemha, iddecidiet li ssib lil l-appellant hati u kundannatu ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin.

Ikkunsidrat:

Jinghad li l-bidu nett, li l-appellant m'huwiex qed jikkontesta l-fatti. Pero` ghad illi quddiem l-ewwel Qorti, id-difiza tieghu kien dak ta' eccess ta' legittima difeza, quddiem il-Qorti ta' l-Appell issottometa illi huwa ghamel dak li ghamel peress li kien taht influwenza immedjata ta' passjoni instantanja jew agitazzjoni tal-mohh, illi minhabba fiha ma kienx qed iqis l-ghemil tieghu. L-appellant spjega illi l-agir ta' Coleiro tant affettwah negattivament illi kien hemm 'build up' fl-appellant ghal zmien twil, aktar u aktar meta bdiet tersaq id-deadline ghal prezentata tal-progett. Ghalhekk jekk inqisu dan il-'build up' u l-agir ta' l-appellant wara, naraw illi l-appelant agixxa 'on an impulse' konsegwenza ta' l-agitazzjoni tal-mohh. Dan almenu sal-grad ta' probabilita` gie provat. Dan ghandu jimmilita lil din il-Qorti favur l-appellant biex tikkonsidra il-kundanna.

Ikkunsidrat:

Bir-rispett il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument. Id-difiza illi l-appellant kien taht influwenza immedjata ta' passjoni stantanja jew agitazzjoni tal-mohh hija permessa mill-Ligi pero biex ikollha success irrid jirrizulta illi kien hemm provokazzjoni gravi u illegali, b' tali mod illi nies f'temperament ordinarju, komunament igib l-effett illi ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Dan ifisser it-test li ghandu jintuza huwa wiehed oggettiv u mhux soggettiv kif seta' hasiba l-appellant dak il-hin ta' l-incident.
Wara li l-Qorti ezaminat il-provi tasal ghal-konkluzzjoni illi ma' kien hemm l-ebda provokazzjoni illegali. Tajjeb jew hazin, Coleiro kellu r-ragunijiet tieghu ghaliex kellu jibqa' jinsisti illi l-appellant ma jnizzilx ismu fuq il-progett. Jekk l-appellant dehrlu illi Coleiro kien qieghed jagixxi b'mod hazin, allura f'dan il-kaz kellu l-ghazla illi jiehu il-kwistjoni quddiem il-fakulta u tigi rizolta hemm hekk izda zgur mhux illi jiehu l-Ligi b'idejh u jinfexx fi vjolenza kontra persuna. Persuna ta' temperament ordinarju ma tagixxix b'dan il-mod kif agixxa l-appellant. Coleiro dak il-hin kien ghal affari tieghu fuq il-bus stop, jistenna l-karozza flimkien ma' nies ohra. Kien l-appellant illi mar fuqu ghas-sodisfazzjon u kien l-appellant illi l-ewwel refa' idejh fuq Coleiro.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li din id-difiza ma tistax treggi u l-ewwel Qorti kellha ragun meta kkonkludiet illi l-appellant kellu jinstab hati.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-Qorti m'hijiex aversa ghal-verbal maghmul bejn il-partijiet, illi fil-pendenza ta' dawn il-proceduri rrangaw il-kwistjonijiet ta' bejniethom. Gie prezentat dikjarazzjoni minn Parte Civili Ian Coleiro, illi m'ghandux aktar interess f'din il-kawza stante li rrangaw il-kwistjonijiet ta' bejniethom, liema dikjarazzjoni giet konfermata minn Dr. Edward Gatt, il-legali ta' Coleiro, fejn ikkonferma l-genwinita tad-dikjarazzjoni kif ukoll illi l-partijiet m'ghandhomx aktar pendenzi ma' xulxin. Il-Qorti qieset illi l-kaz imur lura ghal l-2004. Gordon Borg iggradwa u kompla l-hajja tieghu bhal ma ghamel Ian Coleiro. Kien incident izolat u qieset illi l-appellant m'ghandux xi precedenti serji.

Filwaqt illi taqbel ma' l-ewwel Qorti illi incidenti ta' vjolenza hemm bzonn illi jkunu trattati b'aktar severita, din il-Qorti tahseb illi l-appellant ha l-lezzjoni tieghu. U forsi hemm il-lok ghal temperament anki biex ma jigix affettwat il-futur tieghu ma' l-entita' illi maghha bhalissa qed jahdem.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell u filwaqt illi tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, fejn sabet htija ta' l-akkuzi kif migjuba kontra l-appellant, tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, tillibera lill-appellant taht il-provedimenti ta' l-Artiklu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------